IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-14 ta' Mejju 2019**

**li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-Ungerija**

(2019/C 169/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-28 ta' Settembru 2018 ([2]), il-15 ta' Ottubru 2018 ([3]), id-19 ta' Novembru 2018 ([4]) u t-18 ta' Frar 2019 ([5]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu mill-25 ta' Settembru 2018 sal-24 ta' Settembru 2020.

(2) Il-Gvern tal-Ungerija ppreżenta nomini għal diversi karigi li jridu jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2020:

II. RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Ungerija | Is-Sinjura Judit CZUGLERNE IVÁNY<br>Is-Sur László KOZÁK | Is-Sinjura Annamária KUNERT |

([1]) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2018 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C 366, 10.10.2018, p. 3).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2018 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-Portugall (ĠU C 376, 18.10.2018, p. 9).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2018 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-Italja (ĠU C 421, 21.11.2018, p. 7).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-Greċja (ĠU C 67, 20.2.2019, p. 2).

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membru supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. DAEA